MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-26 ta' Dicembru, 2011

Numru 1417/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Vintila-Iounut Saimu u Marin Dobre**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Vintila-Iounut Saimu ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena, bin Vintila u Carmen neè Raducanu, imwieled ir-Rumanija fl-1 ta’ Gunju 1984 u residenti Nru.178, Kapanna Court, Flat 7, Triq is-Swieqi, Swieqi, detentur ta’ Karta ta’ l-Identità Rumena bin-Numru 1840601375549, u fil-konfront ta’ Marin Dobre ta’ dsatax (19) il-sena, bin Radian u Lucretia neè Hurmuz, imwieled ir-Rumanija fit-3 ta’ Ottubru 1992, residenti Nru. 178, Kapanna Court, Flat 7, Triq is-Swieqi, Swieqi, detentur tal-

Karta ta’ l-Identità Rumena bin-Numru 1921003170115, talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn l-24 ta’ Dicembru 2011 u l-25 ta’ Dicembru 2011, gewwa San Giljan, ikkomettew serq ikkwalifikat bil-hin, ta’ diversi oggetti liema valur globali ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), a detriment ta’ Marie Noelle Lanzon u ta’ nies ohra mhux maghrufa;

2. U aktar talli, fl-istess lok hin u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat liema valur globali ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Rat id-dokumenti esebiti, senjatament il-fotokopji tal-Karti ta’ l-Identità ta’ l-imputati markati Dok. “LB1” u Dok. “LB2”, il-fedini penali ta’ l-imputati markati Dok. “LB3” u Dok. “LB4” u l-istqarrijiet ta’ l-imputati markati Dok. “LB5” u Dok. “LB6”;

Rat illi l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkonceditilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw it-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputati;

Rat li a tenur ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista’ tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta’ l-imputata;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li t-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputati hija alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront taghhom, il-Qorti tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputati u fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputati, issibhom hatija ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputati u l-fatt li ghandhom fedina penali netta.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 270 u 281(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 7(2), senjatament il-*proviso* ghall-istess, u l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara hadet in konsiderazzjoni x-xorta tar-reat li bih qed jigu akkuzati l-imputati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-karattru ta’ l-imputati, il-Qorti hi tal-fehma li f’dan il-kaz ma huwiex spedjenti li l-imputati jinghataw piena karcerarja, u li ordni ta’ *probation*, ordni ta’ servizz fil-komunità jew ordni ta’ *probation* u servizz ma humiex il-pieni addatti, u ghalhekk:

(a) Ai termini ta’ l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lil Vintila-Iounut Saimu bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-llum; u

(b) Ai termini ta’ l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lil Marin Dobre bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-llum.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat bi kliem car u semplici lil kull wiehed miz-zewg imputati li jekk jaghmlu reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huma jkunu jistghu jinghataw sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u

kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------